**MALTI – IL-LINGWA**

**EŻAMI TA' NOFS IS-SENA – KARTA MUDELL**

**IR-RABA' SENA** **siegħa u tliet kwarti**

---

**TAQSIMA A**

**TAĦRIĠ IL- FEHEM(20 marka)**

**<u>Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet fi kliemek:</u>**

**<u>Tbatija fil-Vjaġġ u Wara</u>**



Il-vjaġġi minn Malta għall-Awstralja kienu twal u ta' tbatija. Fid-djarju tiegħu Victor Semini, li mar mal-Maltin fuq il-vapur T/SS Columbia, kiteb dwar il-ħajja abbord, li ma kinitx pjaċevoli. Barra l-maltemp kontinwu mietu diversi tfal żgħar li ndifnu fil-baħar. L-ommijiet li tilfu ċ-ċkejknin tagħhom waslu l-Awstralja qalbhom maqsuma. (par.1)

Lanqas meta l-Maltin waslu l-art ma waqfet it-tbatija. L-ikbar inkwiet għall-Maltin ġie mir-razziżmu. Dak iż-żmien l-Awstralja kellha pjan ta' 'White Australia' u xi drabi l-bdiewa somor Maltin tqiesu bħala ta' ġilda sewda. Meta f'Ġunju tas-sena 1912, ħamsin Malti waslu Sydney, il-Prim Ministru Fisher iddikjarahom immigranti mhux mixtieqa. (par. 2)

Fl-1916, il-vapur 'Arabia' wassal l-Awstralja sebgħa u disgħin Malti. Il-Unions tal-ħaddiema, imbeżżgħin li l-barranin se jieħdu post l-Awstraljani għax jaċċettaw pagi inqas, ma ħallewhomx jaħdmu. Il-gazzetti sejħulhom 'il-Minaċċja s-Sewda'. Patri Malti tħabat ħafna biex sabilhom ix-xogħol kollha. (par. 3)

Iżda forsi l-aktar ġrajja kerha kienet dik tan-New Caledonia. Il-ġrajja bdiet meta mitejn u erbatax-il Malti, l-aktar bdiewa u ħaddiema bla sengħa mill-Mosta, il-

ST. FRANCIS

Mellieħa, in-Naxxar u minn Għawdex, waslu Sydney fuq il-vapur 'Gange'. Kollha kienu ħallsu l-passaġġ minn buthom u kellhom passaport Ingliż. Il-kaptan ingħata l-ordni biex ma jidħolx fil-port u dam jumejn barra. Lanqas tħalla jidħol f'Melbourne. (par.4)

Il-Prim Ministru Hughes ma ridhomx jinżlu l-art. Ried li jsirilhom eżami tal-edukazzjoni u ingħatalhom wieħed mhux bl-Ingliż iżda bl-Olandiż! Il-vapur mar mill-ġdid Sydney, kien wasallu ż-żmien biex jiġbor sitt mitt suldat Franċiż minn New Caledonia, gżira Franċiża qrib l-Awstralja. Il-Kaptan mar hemm bil-Maltin b'kollox għax ma riedx iġibhom lura Malta. Tniżżlu l-art fejn wara ħaduhom lura lejn Sydney fejn inżammu qishom ħabsin fuq vapur karrakka. (par. 5)

Sa dan it-tant, il-gazzetta 'Sydney Maltese Herald' semmiet li tmenin elf suldat Awstraljan kienu ngħataw kenn u kura Malta. Urew li l-Maltin kienu sudditi Ingliżi u li l-ħaddiema Maltin kienu membri tal-unions leali daqs kull Ewropew ieħor. Is-simpatija għall-Maltin kibret u għalhekk tħallew jinżlu l-art f'Marzu tas-sena 1917. (par. 6)

Wara l-eroiżmu tal-Maltin fit-tieni Gwerra Dinjija, dawn bdew jitqiesu ċittadini Ingliżi. Il-Knisja f'Malta waqqfet il-Kummissjoni Emigranti u bniet Dar l-Emigrant. Il-Gvern ukoll fetaħ klassijiet ta' filgħaxija biex dawk li riedu jsiefru jkunu ppreparati. (par.7)

Minn kull raħal u belt ta' Malta u Għawdex siefru eluf. Bejn l-1950 u l-1982 l-Awstralja rat id-dħul ta' sebgħa u tmenin elf Malti. Illum hemm it-tieni u t-tielet ġenerazzjon. Iżda għalkemm jonqsu l-kuntatti, ir-rabta tal-qalb tibqa' u t-tiftix għall-għeruq ikompli. (par.8)

***(Miktuba minn Maria Pace, Sagħtar Jannar 2010)***

- Xi tbatijiet isemmi Semini dwar il-ħajja abbord? (2 marki)
- Għaliex il-Maltin batew ir-Razziżmu fl-Awstralja? (2 marki)
- Fi kliemek iddeskrivi l-aktar ġrajja kerha tal-Maltin fl-Awstralja. (4 marki)
- Kif irnexxilna niksbu s-simpatija tal-Awstraljani? (2 marki)

ST. FRANCIS

- Kif għenu l-Knisja u l-Gvern f'Malta? (2 marki)
- X'ġara bejn l-1950 u l-1982? (2 marki)



**Agħti kelma oħra jew frażi flok: (3x2=6 marki)**

- "il-ħajja abbord" (par. 1)
- "vapur karrakka" (par. 5)
- "it-tiftix għall-għeruq" (par. 8)

**TAQSIMA B**

**IL-GRAMMATIKA (20 marka)**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwar il-grammatika:**

Jekk wieħed jieqaf jaħseb ftit dwar il-ħin, malajr jintebaħ li ma' kull sekonda li tgħaddi tiqsarilna ħajjitna. Jiġifieri l-ħin ikun qiegħed, bla kliem u bla sliem, inaqqrilna ftit ftit miż-żmien tagħna fuq wiċċ id-dinja. (par. 1)

It-tektik monotonu u t-tokki qerrieda tal-arloġġ għamla ta' kampnar li għandi fis-salott, f'hekk ifakkarni. Dan l-arloġġ kienet ħallithuli ziti wara mewtha u m'għandix tifkiriet sbieħ wisq tiegħu. Imma la miss lili bħala wirt, kelli nitqanna bih. (par.2)

Fil-ħniena infinita tiegħu, Alla ħeba lill-bniedem il-meta ta' tmiemu. Kull wieħed u waħda minna jaf, li Ħadd wara Ħadd tasal ta' kulħadd u kulħadd fil-kju l-kbir jistenna li l-Mulej isejjaħlu lura għal għandu.Kollox jistenna. Barra dik il-mingħul ta' sekondiera ddur bla waqfien qisu l-ħmar tas-sienja. (par.3)

1.Mill-ewwel paragrafu fittex:




- Verb tad-disa' forma
- Verb tat-tieni forma

ST. FRANCIS

- Parteċipju Attiv

- Verb nieqes

- Kollettiv

2.Mit-tieni paragrafu fittex:

- Verb trux

- Nom Verbali Infinittiv

- Plural sħiħ

3.Ta' liema forma huwa l-verb ***jintebaħ?***

4.Agħti l-parteċipju passiv ta' ***jistenna*** u ***jaħseb.***

5.Oħroġ il-parteċipju attiv minn ***mewtha*** u ***tgħaddi.***

6.Nissel in-nom Mimmat minn ***tgħaddi, inaqqrilna, ħeba.***

7.Oħroġ nom minn: ***sbieħ, jieqaf, ddur***.

8.Agħti l-mamma u l-għerq ta' ***tgħaddi, isejjaħlu, ddur.***

**TAQSIMA Ċ**



**IR-RAPPORT (10 marki)**

Ikteb rapport ta' madwar tmenin kelma dwar attivita' li saret fir-raħal tiegħek biex titqajjem kuxjenza favur l-ambjent.

ST FRANCIS

## TAQSIMA D

## L-ITTRA (10 marki)

Ikteb ittra ta' madwar tmenin kelma lis-Sindku tar-raħal ta' Ħal-Bużbież biex tirringrazzjah tax-xogħol siewi li qed iwettaq fir-raħal tiegħek u tgħaddilu xi suġġerimenti oħra.



L-Indirizz tiegħek: 15, Triq il-Ward, Ħal-Bużbież, ĦBŻ1083.

L-Indirizz tal-Kunsill: 28, Il-Kunsill Lokali ta' Ħal-Bużbież, Triq il-Frawli, Ħal-Bużbież. ĦBŻ 1234.

Ismek: Rita Pace.

## KOMPONIMENT (25 marka)

**Agħżel titlu u ikteb komponiment ta' madwar 300 kelma:**

- L-Impenn taż-żgħażagħ fis-soċjeta'.
- Ftaħt il-gazzetta u …
- In-nisa u l-irġiel għandhom l-istess opportunitajiet fil-ħajja?
- 

Żmien il-Karnival.

ST. FRANCIS